MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 20/K7/2014 |
| Data: | It-Tlieta 29 ta' Lulju 2014 |
| Post: | Uffiċċju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Viċi Sindku | Dr Alex Sciberras |
| | Kunsilliera | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sur Maurice Agius |
| | KAS | Sur Matthew Mangion |
| | Segretarju Eżekuttiv: | Sna Marita Portelli |

## AĠENDA

Il-Kunsill mexa fuq l-avviż li ġie ppubblikat it-Tlieta 24 ta' Lulju, 2014. L-Aġenda kienet hekk:

<u>**AGENDA**</u>

1. Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 19/K7/2014
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqgħat li saru
7. Affarijiet oħra jekk urġenti
8. Aġġornament

| Seduta Numru 20/14 |
|---|

943 Is-Sindku fetħet il-laqgħa b'talba.

**1 Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 19/K7/2014.**

944 Il-Kunsill approva l-minuti tat-19-il-laqgħa.

**2 Materji mill-Minuti**

945 Materja 902: Is-Sur Selvaggi saqsa fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill fuq il-parkeġġi fi Triq Sant Andrija u talab jekk it-TM jonqoshomx xi informazzjoni. Hu ġie informat li l-Kunsill ma ntalabx jagħti informazzjoni iżjed minn dak li diġa ta. Is-Sindku qalet li saret laqgħa mal-Perit Edric Micallef (Liason tal-Kunsilli Lokali fit-TM) u ingħata informazzjoni fuq il-materji pendenti li l-Kunsill għandu mat-TM. Is-Sindku qalet li issa l-Kunsill ikun jista jibda jikkuntatja lilha wara li jkun għamel l-applikazzjonijet kif stipulati bir-regoli, biex ikun jista' jgħin lill-Kunsill fil-proċess.

946 Materja 907: Is-Sur Selvaggi saqsa jekk l-Ispettur għadux bil-'long leave' u dan ġie kkonfermat. Saret diskuzzjoni fuq il-Festa u ntqal li kien hemm xi ftit problemi fit-traffiku minħabba rotta ġdida ta' Diversions li użaw il-Pulizija. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li reġgħet intbagħtet reminder fuq is-servizz ta' Pulizija Pajżana minħabba li l-Kunsill għadu jistenna l-konferma tal-Pulizija. Is-Sur Selvaggi qal li kitbu xi artikli fuq il-gazzetta minħabba l-għeluq tat-toroq fil-Festa ta' Santa Venera u anke kien hemm xi kummenti fuq ta' L-Imsida. Saret diskussjoni kif il-Kunsill ma joħroġx dawn it-tip ta' permessi u li huma taħt ir-responsabbilita' tal-Pulizija. Intqal ukoll pero' li darba fis-sena kull raħal f'Malta jkollha n-nar għal-Festa u anke f'xi lokalitajjiet jingħalqu xi toroq. Intqal li l-importanti li d-'diversions' isiru b'mod intelliġenti. Is-Sur Brincat qal li waslulu xi rapporti li in-nar li tħalla jingħata mis-Swatar, tal-Festa tal-Ħamrun (Kunċizzjoni) ma kienx skont il-permess approvat mill-Pulizija. Is-Sur Brincat ippropona biex is-sena d-dieħla l-

Kunsill jagħti 'objection' lil din l-għaqda u qal li tkun ideja tajba li din l-informazzjoni tintbgħat lill-għaqda minn issa ħalli jilħqu jaħsbu għal post alternattiv. Il-Kunsill qabel.

947 Materja 910: Is-Sur Selvaggi talab fuq il-progress li qed isir fis-sit li hemm fi Triq Ċensu Farrugia. Is-Sindku qalet li kontinwament għaddejja b'diskussjonijiet mal-MEPA biex imexxu fuq l-applikazzjoni.

948 Materja 911: Is-Sur Selvaggi talab informazzjoni fuq l-iskema tal-parkeġġ residenzjali. Is-Sindku nformatu li waqt il-laqgħa li saret mal-Perit Edric Micallef minn TM, hu kkonferma li waslet biex tittieħed deċizjoni fuq l-iSkema.

949 Materja 913: Is-Sindku semmiet li din is-sena l-Onorofiċenza Mertu Msida ngħatat lill-Maestro Raymond Cremona, s-Surmast tal-Banda, li jgħallem il-mużika bla ħlas lill-Misidjani. Qalet ukoll li din is-sena kull min ġie nominat ingħata tifkira tan-nominazzjoni.

950 Materja 914: Fir-rigward tas-siġar ta' ħdejn il-ġibjun, ġie kkonfermat li dawn inżabbru pero' is-Sur Bartolo qal li ser jerġa jkellemhom biex jinżabru iżjed.

951 Materja 915: iltaqgħu fuq is-Sur Selvaggi u s-sur Brincat minħabba Il-linji li tpinġew fi Triq Mons Innoċenż Zammit. Ġie deċiż li dawn jidhru li mhumiex skont il-policy u għalhekk is-Segretarju għandha titlob il-parir tat-TM.

952 Intqal li fi Triq is-Sarġ hemm garaxx li għandu bżonn in-No Parking Signs faċċata tiegħu. Hemm bżonn ukoll shifting ta' waħda mill-bozoz li hemm f'din it-triq biex titressaq aktar il-ġewwa.

953 Materja 918: Is-Sindku tkellmet fuq id-diskussjoni li saret fil-laqgħa preċedenti dwar il-BIS u l-problemi li qed jinħolqu f'ċertu siti. L-Kunsill qabel li l-BIS li hemm fi Triq Dun Kalċidon Schembri jitneħħew. Is-Sindku semmiet ukoll li qed issir proposta biex fiż-żona jsir tisbieħ li jkun jinkorpora aktar parkeġġi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni għal din il-proposta. Intqal li hemm xi siġar li jista' jkun ikollhom jiċċaqalqu minn din iż-żona u jinstabilhom post alternattiv. Dan kollu jsir bil-permess tal-MEPA meta jiġu approvati l-pjanti ta' tisbieħ.

954 Materja 923: Saret diskussjoni fuq il-proġett li ser isir mit-TM fi Triq ix-Xatt ta' L-Imsida. Intqal li wara li l-Kunsill iddiskutat mat-TM sar qbil li l-karreġjata 'Valletta Only' mhix ser tkun magħluqa għat-traffiku. Intqal li ser tiżdied bankina minn fejn ser isiru l-Pelican Lights biex jekk jitla l-baħar

min ikun għaddej bil-mixi ikun jista jitla mal-ewwel fil-ġnien. Intqal li l-Bus Lane ser issir minħabba li l-Fondi ngħataw għat-titjib tas-sistemi tat-Trasport Pubbliku f'Malta. Ġie kkonfermat li t-trasport pubbliku mhix ser tinqabad mill-lights li ser isiru. Is-Sur Selvaggi talab li meta tibda tiħaddem is-sistema l-ġdida importanti li t-TM jipprovdi pulizija jew wardens għal żmien gimgħa (mill-inqas) biex jiddarieġu l-pubbliku fis-sistema l-ġdida.

955 Materja 924: Il-Kunsill xtaq jagħti prosit lill-Kumitat tal-Każin tal-Banda minħabba li ż-żewġ attivitajjiet li ġew organizzati kienu tajbin ħafna.

956 Materja 935: Is-Sur Selvaggi tkellem fuq ilmenti mir-residenti ta' Triq tal-Qroqq minħabba li hemm grupp ta' barranin li qegħdin ta' kuljum bejn l-4pm u s-7pm jieqfu barra ħanut partikolari jixorbu u jostakolaw il-bankina. Sar ftehim li s-Sindku flimkien mas-Sur Selvaggi u rappreżentant mill-pulizija għandhom imorru jkellmuhom. Intqal li minbarra li qed jostakolaw il-bankina, qed jarmu l-bottijiet ma l-art u xi membri mill-Kunsill xtaqu jkunu jafu jekk hemmx xi liġi fir-rigward ta' xorb alkoħoliku ħdejn skola.

## 3 Korrispondenza

957 41/0898: Din l-ittra tirrigwarda lment minn residenti li jgħix fi Triq Mons Innoċenż Żammit minħabba stejġ li tneħħiet minn Triq Dun Karm. Il-Kunsill qabel li tinkiteb ittra lit-TM biex din terġa ssir. Ir-resident semma ukoll l-istat tas-Subway u l-bżonn ta' xi tip ta' alternativa. Il-Kunsill ressaq din it-talba lit-TM diversi drabi u ser ikompli jsostni li hemm bżonn crossing f'dik iż-żona. Il-Viċi Sindku talab li s-sinjuri li waslu dan l-ilment jiġu CCed fil-korrespondenza li tintbgħat lit-TM u li anke jintbagħat il-Protest Ġudizzjarju li kien hemm minħabba dan il-każ.

958 41/0768: Is-Segretarju nformat lill-Kunsilliera li Lynn Aquilina, persuna b'diżabilita' mis-Swatar, ġiet nominata biex tipparteċipa fil-proġett LEAP flimkien mal-Kunsill Lokali ta' L-Imsida. Dan il-proġett jgħin biex nies li jsibuha diffiċli biex isibu xogħol jingħataw opportunita' ta' xogħol f'oqsma differenti tas-socjeta'. Il-Kunsill ma sab l-edba oġġezzjoni.

959 41/0772: Il-Kunsill ġie nformat li din l-ittra tirrigwarda Kiosk li qiegħed fi Triq it-Torri fis-Swatar Birkirkara. Is-Segretarju nformat lill-avukat b'imejl.

960 41/0788: Is-Sur Matthew Agius saqsa fuq dan ir-rapport mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u s-Segretarju nformatu li din intbagħtet lilha b'attenzjoni għas-Swatar pero' hi informat lid-Dipartiment li xogħol ta' dan in-natura jaqa' taħt ir-responsabbilita' tal-Kunsill rispettiv, li f'dan il-każ huwa l-Kunsill ta' Birkirkara. Il-korrespondenza inbgħatet lilhom.

961 41/0877: Il-Kunsill irċieva talba biex jagħtu permess għal-attivita' ta' talb fil-ġnien ta' quddiem il-Knsija. Din it-talba intbagħtet lill-Kunsill il-Gimgħa wara nofs in-nhar u kienet għat-Tnejn jew it-Tlieta fil-għodu. Il-Kunsill kien qabel li din it-talba tiġi diskussa waqt il-laqgħa minħabba li kien hemm nuqqas ta' dettalji u għalhekk ma setgħax jingħata permess. Il-Kunsill qabel li kull permess għal-attivita' għandha tasal lill-Kunsill ta' l-inqas ġimgħatejn qabel.

962 41/0833 – Din l-applikazzjoni ta' l-attivita' tal-Ħabbara tal-Mulej kien ilha li waslet il-Kunsill u minħabba li attivita' ta' din in-natura ġieli saret u l-applikazzjoni waslet f'ħin tajjeb inħareġ il-permess.

963 Tressqet korrespondenza biex tingħata approvazzjoni ta' rampa fuq bankina fi Triq il-Knisja biex ikun jista' tingħata aċċess għal-persuni b'diżabilita' f'post li qed japplika biex isir klinika. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni pero' kien hemm qbil li din trid issir skont ir-regolamenti maħruġa mill-KNPD.

964 Is-Sur Selvaggi ħareġ mill-laqgħa (18:45).

## 4 Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

965 L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata.

966 Is-Sur Matthew Agius qal li mportanti li jsiru Spot Checks biex il-Kunsill ikun ċert li l-magazine tqassam kif suppost.

## 5 Kumitat Amministrattiv Swatar

967 Iċ-Chairperson qal li fl-ewwel laqgħa l-membri tal-Kumitat ġew introdotti għal-pendenzi li kien hemm mill-kumitat ta' qabel li wieħed minnhom kien it-Traffic Management fiż-żona. Hu qal li ntalbet laqgħa mal-Periti tal-Kunsill ta' Birkirkara imma jidher li hemm xi problemi. Hu qal li ser jiltaqgħu mas-Sindku (B'Kara)l-Ħamis biex jiddiskutu din il-materja u anke dik tal-Finanzi.

968 Il-Viċi Sindku ssuġerixxa li l-Kumitat jagħmel laqgħa mas-St Martin's College b'mod speċjali mal-kumitat tal-Ġenituri u qal li importanti wkoll li ssir laqgħa mar-residenti ta' Triq Mons Innoċnez Zammit. Is-Sur Brincat qal li St Martin's għandhom jiġu nformati fuq l-ilmenti li jirċievu mingħand ir-residenti fis-sajf minħabba l-iskola ta' l-Ingliż. Is-Sna Galea qalet li jdumu bil-parties sa' wara l-11pm. Il-Viċi Sindku saħaq li ta' min jara l-

permess ta' l-iskola u l-kundizzjonijiet li ngħataw mal-permess. Qal li kien hemm xi triq li kellha tinfetaħ biex it-Traffic Management jimxi b'mod aħjar u li din ma saritx.

## 6 Kommunikazzjoni mill-laqgħat li saru

969 Saret laqgħa ma' rappreżentant tat-TM li diġa ssemmiet f'materja 945. Is-Segretarju, li ma setgħetx tkun preżenti għal din il-laqgħa ser tagħmel 'follow up' mal-Perit Micallef.

970 Saret laqgħa maċ-Chairperson tal-KNPD – is-Sur Oliver Scicluna fejn il-Kunsill ingħataw il-Guidelines il-ġodda tal-kummissjoni, inġibditilhom l-attenzzjoni fuq logo ġdid li trid tintuża fuq tabelli ta' nies b'diżabilita' u anke saret diskussjoni fuq l-armar tal-Festi u l-bżonn li dan isir b'mod aktar għaqli.

971 Is-Sur Matthew Agius qal li tkellem mal-MEUSAC fuq xi fondi ta' L-EU li jista jibbenifika minnhom il-Kunsill. Qal li ssemmew proġetti ta' Twinning u Youth Exchanges u sar qbil li l-Kunsill jista jibda b'dawn il-proġetti zagħar qabel jidħol fi proġetti aktar kumplessi. Qal li ser issir xi seminar fuq dawn it-tip ta' fondi f'Settembru jew Ottubru li ġej. Qal ukoll li tkellem ma' persuna li xogħolu jkun li jimmaniġja proġetti ta' l-EU ta' diversi entitajjiet u sar qbil li ssir laqgħa ma' din il-persuna u anke laqgħa oħra mal-MEUSAC.

972 Is-Sindku qalet li saret laqgħa flimkien ma' l-organizzazzjon Aċċess ma persuna jismu Salif li huwa immigrant li jgħix fl-Imsida u jieħu sehem f'għaqda fejn jipprovaw jgħinu lill-immigranti oħra jintegraw ruħhom aħjar f'Malta. Hu qal li ser jipprova jirranġa biex issir laqgħa mal-kapijiet tal-kommunitajjiet differenti f'Malta.

## 7 Affarijiet Oħra

973 Is-Sindku resqet talba mill-Klabb tal-Futbol fuq Tournament li ser isir bejn il-25 ta' Awwissu u t-3 ta' Settembru bejn diversi klabbs. Huma qalu li dan it-tournament ħa jinvolvi ħafna spejjeż u talbu l-għajnuna tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-attivita' mal-Klabb tal-Futbol billi jħallas il-kirja tal-growd li ser tkun madwar €500. Sar qbil li ser isir 'Activity Agreement' u li l-logo tal-Kunsill jiġi eżebit matul l-attivita.

974 Saret diskussjoni fuq il-Festa fejn intqal li b'mod ġenerali l-affarijiet imxew sewwa. Intqal li bħas-sena l-oħra ssir laqgħa Post-Mortem. Is-Sur Matthew Agius issuġġerixxa li ssir Forum ta' l-Għaqdiet ta' L-Imsida li jiltaqgħu kull xahrejn. Saqsa ukoll jekk itellgħetx il-bandiera tal-Każin tal-Banda fuq il-

Kunsill u ġie nformat li din il-Bandiera hija ta' San Gużepp u mhux tal-Banda. Intqal ukoll li l-Każin tal-Banda ma tellgħux bandiera tal-Kunsill iżda l-Bandiera ta' L-Imsida.

975 Fuq l-attivita' ta' Mertu Msida s-Sur Bartolo ssuġerixxa li l-Kumitat jinħatar wara li jidħlu n-nominazzjonijiet biex ma jkunx hemm min jintgħażel għal kumitat u jkollu kunflitt ta' interess. Ma kienx hemm qbil u ntqal li kull bord jintgħażel qabel u min ikollu kunflitt ta' interess huwa fid-dmir li jiddikjarah. Intqal li jekk jintgħażel il-Bord wara jaf jiġi interprettat li intgħażlu l-membri biex jiġi iffavorit xi wieħed minn nominati. Intqal li kull membru tal-Bord intgħażel minħabba l-integrita' tiegħu u l-Kunsill għandu fiduċja li dejjem issir l-aħjar għażla. Sar qbil li tinbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-membri tal-Bord fejn anke jintalbu jagħtu s-suġġerimenti tagħhom fuq xi titjib li jista jsir fil-proċess ta' l-għoti ta' dan il-Mertu. Is-Sur Matthew Agius qal li jaħseb li kienet ideja tajba li min ġie nnominat ingħata tifkira tan-nominazzjoni.

976 Is-Sindku nformat lill-Kunsilliera li fit-8 ta' Awwissu ser issir attivita' ta' Logħob f'Xatt L-Imsida fil-ġnien ta' quddiem il-Knsija.

977 Is-Sindku qalet li ser jinħarġu Call for Quotations għal Air Conditions għad-Day Centre u l-Computer Room minħabba l-ilmenti li qed ikun hemm kemm mill-anzjani u anke minn min jiġi għal-korsijiet tal-kompjuter. Qalet li l-Air Condition eżistenti fil-Computer Room ser jinbidel il-pożizzjoni tiegħu. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni.

978 Is-Sindku qalet li qed titkellem mal-Periti tal-Kunsill biex jagħtu proposta għaż-żona ta' Triq Dun Kalcidon Schembri, Triq Emvin Cremona u Triq Anton Inglott biex jiżdiedu l-parkeġġi fiż-żona. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

979 Is-Sindku semmiet diversi toroq li ghadhom bla isem . Ġie ssuġġerit li Triq il-Ġdida tissemma Triq it-Tabib Robert Naudi. Sar qbil li tintbagħat ittra lir-residenti u jingħataw data biex jagħtu l-oġġezzjonijiet tagħhom. Issemmew żewġ toroq oħra: Daħla Ġdida Nru 1 Fi Triq Reġjonali, Daħla Ġdida Nru 2 Fi Triq Reġjonali. Intqal li waħda mit-toroq għandha tissemma Triq Dun Joe Calleja. Il-Kunsill qabel. Intqal li hemm Triq ħdejn Triq Ġdida fi Triq Balliju Gutenberg fis-Swatar u s-Segretarju xtaqet li din tiġi diskussa fil-laqgħa tal-Kumitat tas-Swatar biex il-membri tal-Kumitat iresqu l-idejat tagħhom. Din il-materja ser terġa tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

980 Is-Sindku qrat partijiet mill-ftehim iffirmat mal-Ministeru ta' Leo Brincat fuq il-pjanti li ser jitpoġġew/jitħawlu fil-lokal bħala parti mill-proġett Lokalitajjiet Aktar Ħodor. Il-postijiet jinkludu ż-żona ta' l-iSkatepark, quddiem il-Knisja, ħdejn il-Junior College, Triq il-Wied (madwar il-bini tal-Kunsill), fost oħrajn.

981 Is-Sur Maurice Agius qal li inqala id-Doggy Bin li hemm fi Triq Johnny Catania. Sar qbil li meta jiġu ordnati l-ġodda jeħel wieħed taħt il-ħarruba f'din it-triq.

982 Il-Kunsilliera ġew murija d-Doggy Bins il-ġodda li bil-ħsieb li jiġu ordnati. Il-Kunsill approva li jiġu ordnati 10 bins bil-prezz ta' €110 il-wieħed.

983 Is-Sur Maurice Agius qal li quddiem Nru 107 fi Triq Rue D'Argens qed joħroġ l-ilma bis-sapun. Talab biex terġa ssir rapport lid-Dipartiment tas-Sanita'.

984 Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzjoni li l-Kunsill ta permess ta' ħruġ ta' mwejjed u siġġijiet fir-rotta tal-purċissjoni. Is-Segretarju skużat ruħha u qalet li bi żvista nsiet tinkludi fil-permess li ma jkunux jistgħu jinħarġu l-imwejjed waqt il-ħin tal-Purċissjoni.

985 Is-Sur Maurice Agius saqsa x'permessi jrid ikun hemm biex jinfetaħ Snack Bar u ġie informat li dan jiġi rregolat mill-MTA, u li jekk ikun 'change of use' ikunu jridu permess mill-MEPA. Il-Viċi Sindku qal li l-permessi ta' Snack Bar qed jgħatu dritt lis-sidien jibqgħu miftuħin sat-3am.

986 Is-Sur Maurice Agius ġibed l-attenzzjoni fuq il-parkeġġ waqt il-ħin tat-Tombla. Sar qbil li l-Kunsill jiġbed l-attenzjoni tal-Klabb fuq din il-materja u imbad il-Pulizija jintalbu jagħmlu ronda fil-post. Kullħadd qabel li sar progress fl-attivita' tat-Tombla mis-sajf l-ieħor.

987 Is-Sur Bartolo talab li l-Kunsill jaħdem biex issir Innu ta' L-Imsida li jkun jista' jitkanta fl-attivitajjiet uffiċjali tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

988 Is-Sur Bartolo qal li jixtieq li tiġi kompilata Pen Drive għat-tfal b'informazzjoni fuq L-Imsida. Il-Kunsill qabel.

989 Is-Sur Bartolo ppropona li jibdew diskussjonijiet mal-Parroċċa ta' San Ġużepp fil-Qala biex isir Gemellaġġ bejn il-Qala u L-Imsida. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

990 Is-Sur Bartolo qal li hemm bżonn ta' rampa ħdejn il-mużew, faċċata tad-Dar ta' l-anzjani (fejn kien joqgħod Mario Tanti). Intqal li l-bankina mhix wiesgħa biżżejjed hemm biex tgħaddi b'siġġu tar-roti. Is-Sur Bartolo għandu jmur ikejjel biex jiċċekja.

991 Is-Sur Bartolo għamel bandiera ta' San Ġużepp u ħa l-opportunita' waqt din il-laqgħa biex jirregolaha lill-Kunsill. Il-Kunsilliera apprezzaw dan il-ġest u rringrazzjawh.

**9 Aġġornament**

992 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20.20.

Approvati llum ____________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Marita Portelli
Segretarju Eżekuttiv